MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 31 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2636/2000/1

Rita Azzopardi

Vs

Arthur Calleja

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-20 ta’ Dicembru 2000 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi l-konvenut hu debitur taghha fis-somma ta’ (LM2781) elfejn seba’ mija wiehed u tmenin lira maltin import ta’ nofs l-ammont ta’ rifuzjoni ta’ Taxxa fuq qliegh Kapitali rappresentanti kreditu formanti parti mill-Komunjoni ta’ l-Akkwisti fi zmien meta l-partijiet kienu ghadhom mizzewgin u li issa hija xjolta stante s-separazzjoni personali tal-partijiet u dana bis-sahha ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali li jgib numru 775/95; illi minkejja li gie interpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa’ inadempjenti; illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk applikabbli l-artikolu 167

tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili; talbet li din il-Qorti:-
1. tghaddi biex tiddecidi bid-dispensa tas-smighe tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ LM2781 kif fuq intqal u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fuq imsemmija rifuzjoni permezz ta’ cheque u cioe is-17 ta’ Gunju 1998, kontra l-konvenut li jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Jannar 2001 li permezz tieghu l-konvenut inghata l-fakolta’ li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-7 ta’ Frar 2001 li permezz taghha eccepixxa:
1. Illi preliminarjament l-eccipjent m’ghandu ebda relazzjoni guridika ma’ l-attrici stante li huma legalment separati minn ma xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni li gie ppubblikat minn Nutar Peter Carbonaro fit-30 ta’ Lulju 1995 u li permezz tieghu giet xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti.
2. Illi kif sejjer jirrizulta mill-provi fil-mertu t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-30 ta’ Mejju 2001 meta l-konvenut iddikjara li “*jaqbel li huwa ircieva pagament minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni b’referenza ghall-proprjeta’ in kwistjoni u dan l-ammont kien ta’ LM5,600.”*

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u dokumenti ezebiti. Rat il-verbal ta’l-udjenza tad-19 ta’ Gunju 2002 meta l-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi fuq l-ewwel

eccezzjoni u talbu li l-kawzatibqa' differita ghas-sentenza bil-fakolta' tan-noti, liema noti ma sarux.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B'kuntratt tal-5 ta' Gunju 1995 fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia l-konjugi Calleja, kontendenti f'dawn il-proceduri, bieghu w ttrasferew lis-socjeta' Joe Borg Holdings Company Limited il-fond fil-Buskett limiti Dingli fi Triq Ta' Sabbat, maghruf bhala 'Maple Leaf Garden' gja maghruf bhala 'Charlou' flimkien mal-gnien anness mieghu u dana versu l-prezz komplessiv ta' LM80,000.

Fuq il-kuntratt gie dikjarat li ghall-fini ta' l-Att XVIII tas-sena 1993 it-taxxa dovuta kienet tammonta ghas-somma ta' LM5,600. Dan l-ammont gie mizmum minn Nutar li ppubblika l-kuntratt u sussegwentement depositat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala deposit akkont ta' Capital Gains Tax li seta' kien dovut fuq l-istess trasferiment.

B'kuntratt ppubblikat minn Nutar Peter Carbonaro fit-13 ta' Lulju 1995 il-konjugi Calleja ghaddew ghas-separazzjoni personali taghhom 'a mensa et thoro' kif debitament awtorizzati mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili b'digriet numru 792/95 u ghal dak li jikkoncerna l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti gie dikjarat hekk fil-klawsola numru 6:
" *The parties declare that they have liquidated and divided the moveable effects forming part of the Community of Acquests, while they are retaining in common between themselves the matrimonial home styled "Maple Leaf Garden", Triq is-Sabbat, Buskett, until such time that such property is sold, whereupon the net proceeds should be shared equally between the parties.*"

Gara li fis-17 ta' Gunju 1998 il-konvenut irceva minn ghand il-Bank Centrali ta' Malta cheque ghas-somma ta' hamest elef hames mija tnejn u sittin lira maltin (LM5562) li, skond ix-xhud Afred Caruana Petit kien jirrapresenta

rifuzjoni tad-depositu maghmul mad-dipartiment tat-Taxxi Interni fl-okkazzjoni tat-trasferiment fuq imsemmi billi meta fil-1998 inhadmet l-Income Tax Return tal-konvenut ghas-sena ‘Bazi’ 1995, instab li t-Tax liability tal-istess konvenut kienet tirrizulta b’ammont negattiv. Dan gara billi meta d-dipartiment ikkomputa ghall-fini tal-Capital Gains Tax, il-prezz originali ta’ l-akkwist, il-valur tal-benefikati u l-ispejjes inkorsi ghall-istess akkwist, dan l-ammont paragunat mal-valur tal-bejgh tal-istess fond bill-kuntratt fuq imsemmi kien juri li ma kienx hemm dovuta taxxa taht l-artikolu 5 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income u cioe dak relattiv ghall-Capital Gains Tax. In effetti jidher li l-ammont percepit mill-konvenut kien jirrapresenta ammont anqas minn dak depozitat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-okkazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh. Dan seta gara, kif spjega x-xhud Caruana Petit billi parti mid-depozitu mar kontra it-Tax Liability tal-istess konjugi Calleja in forza tal-Artikolu 4 (Income from Employment, Business, Trade, Profession or Vocation) tal-Income Tax Act stante li l-istess konvenut ma kienx hallas bizzejjed taht is-sistema tal-provisional tax.

L-attrici in vista ta’ dan u a bazi ta’ dak li jinghad fil-kuntratt ta’ separazzjoni qed isosstni li hija intitolata ghall-hlas ta’ nofs l-ammont percepit mill-konvenut. Da parti tieghu l-konvenut isostni li huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attrici in vista tal-kuntratt ta’ separazzjoni fuq imsemmi meta l-komunjoni ta’ l-akkwisti giet xjolta.

Ikkunsidrat:-

Illi mhux kontestat li l-fond fuq imsemmi kien jappartjeni lill-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti. In effetti iz-zewg konjugi dehru fuq il-kuntratt ta’ trasferiment u ghalkemm ma jinghadx, wiehed jassumi li l-prezz percepit bhala rizultat tal-bejgh, eccetto ghall-ispejjes, u d-depozitu fuq imsemmi, inqasam bejniethom. Wara dan it-trasferiment gie ppubblikat l-kuntratt ta’ separazzjoni izda stranament ma jissemma xejn dwar il-fatt li l-fond matrimonjali kien inbiegh, anzi ghal kuntrarju mid-dicitura tal-klawsola numru 6 tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni

wiehed jifehem li dan il-fond kien ghadu ma inbieghx u l-partijiet kienu qed izommuh komuni. F’dan is-sens is-sottomissjoni tal-konvenut fin-nota tieghu u cioe li din l-klawsola ma ghandhiex tigi kunsidrata, ghandha certa validita’. Izda din il-Qorti hija tal-fehma li wiehed ma jistax ikun daqshekk simplicistiku billi jiskarta a priori l-istess klawsola numru 6, wiehed irid ihares lejn l-intenzjoni tal-partijiet billi jidher li minn ippubblika l-kuntratt ta' separazzjoni (li kien Nutar iehor ghal dak li ppubblika l-kuntratt ta’ bejgh) qaghad fuq il-minuta li giet approvata mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili li, jidher li giet sottomessa lill-istess Qorti qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh fuq imsemmi. Dan prezumibilment sar billi l-minuta approvata mis-Sekond Awla ma tistax tinbidel hlief bl-approvazzjoni ta’ l-istess Qorti. Jidher ghalhekk li, minkejja li zball li sar fil-kuntratt tas-separazzjoni, l-partijiet dejjem kienu intenzjonati li jaqsmu fi kwoti indaqs dak kollu li jirrizulta dovut lilhom bhala konsegwenza tal-bejgh tal-imsemmi fond. Infatti l-kliem “*the nett proceeds should be shared equally between the parties”* ma jistax jkollha konsegwenzi ohra apparti dak li inghad fuq.

Qed jigi sottomess ukoll mill-konvenut li fid-data tal-pagament tal-ammont imsemmi u cioe tlett snin wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni, ma kienx ghad hemm relazzjoni guridika bejn il-kontendenti billi din giet regolata u wiehed jista’ jghid definita in vista tal-imsemmi kuntratt. Ghall-kuntrarju pero’ din il-Qorti tifhem li, l-kuntratt ta’ separazzjoni irregola r-relazzjoni guridici tal-kontendenti u mhux xejjimhom. Infatti kwalunkwe obbligazzjoni naxxenti mill-imsemmi kuntratt ghadha vigenti kif jidher minn hafna mill-klawsoli kuntrattwali tal-att tat-13 ta’ Lulju 1995. Dawn il-klawsoli jharsu lejn il-futur bhal ma huma d-dritt ta’ kustodja tat-tfal, d-dritt ta’ access ghat-tfal moghti lill-konvenut u affarijiet simili. Isegwi li jekk l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-klawsola numru 6 ma kienux ghadhom konkjuzi jew onorati, dawn kellhom jibqghu vigenti.

Huwa minnu wkoll li l-pagament percepit mill-konvenut minghand il-Bank Centrali sehh tlett snin wara l-kuntratt ta’ bejgh izda dan il-pagament kien jirriferi ghat-‘Tax

liability' tal-konjugi Calleja ghas-sena bazi 1995 u senjatament ghall-trasferiment li huma kienu ghamlu meta kienu ghadhom mizzewgin. Ghalhekk kull pagament ossia depozitu li kien sar fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh sar akkont u fl-interess taz-zewg konjugi billi l-fond trasferit kien jappartjeni fi kwoti ugwali lit-tnejn. Dan jfisser li l-fatt li l-komputazzjoni tat-taxxa u rifuzjoni tal-ammont dovut sehh tlett snin wara s-separazzjoni, ma ghandu ebda rilevanza ghall-kaz billi tali komputazzjoni u rifuzjoni kienet tirrifletti s-sitwazzjoni tal-konjugi Calleja fis-sena 1995 u ghalhekk tali rifuzjoni jawmentat "*the nett proceeds*" li l-isess konjugi kienu intenzjonati li jaqsmu ugwalment bejniethom.

Fl-ahharnett fir-rigward ta' dak li gie sottomess mill-konvenut dwar il-qsim tal-'moveable effects' jigi rilevat li mid-dicitura tal-klawsola numru 6 tal-kuntratt ta' separazzjoni, jidher ovvju li din id-dikjarazzjoni qatt ma kienet intenzjonata li tinkludi xi ammont li seta' kien dovut b'titolu ta' rifuzjoni ta' taxxa. F'dak l-istadju tal-bejgh l-konjugi Calleja kienu qedghin semplicement jottemperaw ruhhom mal-kelma tal-ligi billi jiddepozitaw mad-dipartiment dak il-percentagg mill-bejgh akkont tal-Capital Gains Tax. Izda dan ma jnaqqas xejn mid-dritt ta' l-attrici li tippercepixxi sehemha minn kull ammont rifuz mill-istess depozitu billi dan dejjem kien taghha u qatt ma seta' jigi kunsidrat bhala formanti parti mill-moveable effects billi fid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni dan il-kreditu kien jiddipendi minn cirkostanza futura li kienet tiddipendi mill-intervent ta' terza persuna u cioe l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u konsewegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn seba' mija wiehed u tmenin lira maltin (LM2781) dovuta kif fuq inghad, biss fir-rigward tat-talba ghall-imghaxijiet billi l-kreditu huwa ta' natura civili u ma jirrizultax li saret interpellazzjoni, l-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri